ĦAŻ-ŻABBAR
*Citta` Hompesch*

**Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar**

**Il-Pjan tal-Ħidma**

**2014 - 2016**

**Il-Werrej**


| | |
|---|---|
| Introduzzjoni u Analiżi tas-Sitwazzjoni | 1 |
| L-Istqarrija tal-Missjoni u l-Valuri | 2 |
| L-Għanijiet, ir-Riżultati Mistennija u l-Istrateġiji | 3 |
| Analiżi tal-Ħidma tal-Kunsill | 5 |
| Tbassir dwar il-Finanzi u u r-Rendiment | 7 |
| L-Iżvilupp Kapitali | 11 |

*1.0 Introduzzjoni u Analiżi tas-Sitwazzjoni*

Bħalma jsir f'kull sena finanzjarja l-Pjan tal-Ħidma qed jerġa' jiġi analizzat u rivedut fis-sena finanzjarja kurrenti.

Matul is-sena 2014 il-Kunsill qed jistma dħul ta' €745,309 li € 703,879 minnhom għandhom jidħlu mill-allokazzjoni tal-Gvern.

Il-kumplament tal-fondi mistennija jidħlu minn skemi ta' għajnuniet finanzjarji li l-Kunsill ser ikun qed japplika għalihom, kif ukoll minn Ksur ta' Bye Laws u minn dħul ġenerali ieħor. Mill-attivita` kulturali 'The Malta International Food Festival' mistennija għajnuna finanzjarja mill-Gvern ta' €3,000

L-infiq għas-sena finanzjarja 2014 ser ikun ta' €1,030,300 li minnhom €341,020 ser ikun Infiq Kapitali. L-ammont ta' €531,850 ser jintefaq fuq il-voti taħt Manutenzjoni u Xogħlijiet Oħra u €157,430 ser tkun l-ispiża fuq Salarji.

Fis-sena 2015 l-allokazzjoni mill-Gvern mistennija tibqa' prattikament l-istess u għalhekk qed tiġi prevista allokazzjoni ta' €705,000.

L-infiq għall-istess sena mistenni jkun ta' €703,190. Din l-ispiża ser tkun maqsuma kif ġej : €162,340 fuq Salarji, €531,850 fuq Manutenzjoni u Xogħlijiet Oħra u €9,000 fuq Infiq Kapitali.

Fis-sena 2016 l-allokazzjoni mill-Gvern mistennija ukoll tiżdied bi ftit u għalhekk qed tiġi prevista allokazzjoni ta' €707,000. L-infiq għall-istess perjodu qed jiġi stmat li jkun ta' €701,290.

Din l-ispiża ser tkun maqsuma kif ġej : €164,440 fuq Salarji, €531,850 fuq Manutenzjoni u Xogħlijiet Oħra, filwaqt li €5,000 ser imorru fuq Infiq Kapitali.

Quinton Scerri
Sindku

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

## 2.1 L-Istqarrija tal-Missjoni

Bi pjan li jpoġġi r-residenti fiċ-ċentru tal-ħidma tiegħu, il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar jfittex li jindirizza l-ħtiġijiet tar-residenti u tal-lokalita`.

## 2.2 Il-Valuri

Il-ħidma tal-Kunsill Lokali hija bbażata mill-valuri:

1. **Tal-inklusivita`** f'dik li hija ħidma sportiva, kulturali, ambjentali, infrastrutturali u edukattiva.
2. **Tal-Impenn Soċjali**, fejn kull ċittadin jingħata importanza mingħajr distinzjonijiet ta' sess, razza jew abilta'.
3. **Tal-Effiċjenza u Akkontabilita`**, fejn il-ħidma kollettiva tkun waħda li tfittex li ttejjeb u tkabbar is-servizzi offruti mill-Kunsill u jiġi assigurat l-valur għall-flus minfuqa.

## *3.0 L-Għanijiet, ir-Riżultati Mistennija u l-Istrateġiji*

### 3.1 L-Għanijiet u r-Rizultati Mistennija matul is-snin 2014-2016

| L-Għanijiet | Ir-Riżultati Mistennija |
|---|---|
| Li ntejbu s-servizz tal-'customer care' b'mod speċjali billi nżiedu l-**effiċjenza** biex l-ilmenti tal-pubbliku jiġu ndirizzati b'mod aktar effettiv. | L-għan hu li ċ-ċittadini jħossuhom parti mill-komunita u li qed jingħataw l-aħjar servizz possibbli mill-Kunsill. |
| Li nkomplu nħeġġu l-**parteċipazzjoni** attiva taċ-ċittadini Żabbarin fil-ħidma tal-Kunsill. | Li l-proġetti proposti jiġu attwati bl-involviment tal-istess ċittadini u kif ukoll tal-għaqdiet lokali |
| Li **ngħollu** u **ntejbu** l-livell soċjali, edukattiv, kulturali u sportiv fil-lokal tagħna. | Li jitwettqu numru ta' proġetti fl-oqsma soċjali, edukattiv, kulturali u sportivi. |
| Attitudni intraprenditorjali fl-immaniġġjar tal-fondi pubbliċi bil-għan li tiżdied l-**effiċjenza** u l-**effettivita`**. | Ikomplu jiġu analizzati l-prattiċi imħaddma sa issa fil-Kunsill, u fejn il-Kunsill jara li huma applikabbli, jiġu mplimentati r-rakkomandazzjonijiet għal titjib li jinħarġu minn din l-analiżi. Barra minn hekk, isir użu aħjar tal-iskemi li jinħarġu minn Dipartimenti tal-Gvern u minn awtoritajiet oħra kif ukoll minn programmi tal-Unjoni Ewropeja. |
| Li jkun hemm iżjed ċittadini li jieħdu interess fil-programmi tal-Unjoni Ewropea. | Li jkun hemm aktar informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea u l-programmi li toffri. |
| Strateġija ċara, mwettqa b'ħidma effettiva fuq dak li għandu x'jaqsam mal-ġbir ta' skart separat. | Inqas skart solidu li jiġi mitfugħ fil-'landfill' billi inkomplu inħeġġu s-separazzjoni tal-iskart u b'hekk jiġu frankati l-flus li jistgħu jiġu utilizzati għal għanijiet u proġetti oħra. |

**3.2 L-Istrateġiji** L-għanijiet tal-Kunsill jistgħu jintlaħqu biss jekk ix-xogħol isir kif ippjanat u jingħarfu kemm l-opportunitajiet li jeżistu kif ukoll il-limitazzjonijiet li l-Kunsill għandu.

Kif jidher fir-rapport finanzjarju li qed jiġi ppreżentat f'dan il-pjan, il-finanzi tal-Kunsill huma limitati ħafna. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kunsill qed ifittex sorsi alternattivi biex iġib finanzjament għal ċerti proġetti. Dan ser isir billi:

1. Issir ħidma għaqlija biex possibilment jinġiebu fondi minn kull skema li joħroġ il-Gvern Ċentrali u li għaliha jkun eliġġibli l-Kunsill.

2. Issir ħidma biex jinġiebu fondi minn programmi tal-Unjoni Ewropea u awtoritajiet oħra.

3. Jiġu esplorati modi ta' kif jitnaqqas l-infiq tal-Kunsill mingħajr ma titnaqqas l-kwalità tas-servizz offrut.

Filwaqt li kull xogħol li jsir jirrikjedi l-finanzi biex isir, hemm bżonn ukoll il-parteċipazzjoni ta' dawk kollha li għandhom xi ħaġa x'joffru. Għaldaqstant il-Kunsill ikompli jikkonsulta mal-pubbliku fuq l-operat tiegħu. Dan jista' ikun possibbli biss jekk ir-residenti Żabbarin jinvolvu ruħhom f' dan il-proċess ta' konsultazzjoni.

Kull ħidma, biex tkun effettiva, trid tkun miftuħa għall-bidla. Għalhekk il-Kunsill għandu jevalwa, iqabbel u jkejjel il-ħidma li tkun qiegħda ssir mal-għanijiet u l-istrateġija li hawn elenkati f'dan il-pjan.

Fl-aħħar irid isir koordinament biex dan il-pjan li qed jiġi propost isir b'mod ħolistiku.

Għaldaqstant l-istrateġija ser tkun ibbażata fuq erba' binarji li huma:

| |
|---|
| Fondi supplimentari |
| Konsultazzjoni pubblika |
| Evalwazzjoni |
| Ko-ordinament |

**4.1 L-Organizzazzjoni** Għas-snin li ġejjin l-istruttura tal-organizzazzjoni amministrattiva trid tkompli tkun strutturata biex tlaħħaq bl-aħjar mod.




Id-deċiżjonijiet jittieħdu mill-Kunsill wara li dan jikkunsidra r-rapporti, l-ilmenti u s-suġġerimenti tal-pubbliku.

Is-Segretarju Eżekuttiv jimplimenta d-deċiżjonijiet bl-għajnuna tal-Assistenti Amministrattivi u l-Uffiċjali Eżekuttivi kif ukoll jiddelega xogħol ieħor lill-ħaddiema assenjati skont il-*policies* u d-deċiżjonijiet tal-Kunsill.

## 4.2 Attivitajiet Ġenerali

Qed jiġi previst li matul is-sena 2014 il-Kunsill ser ikun qed iwettaq numru ta' proġetti oħra fosthom xogħol ta' *resurfacing* fi Triq Ħas-Sajjied li l-sipiża tiegħu mistenni tlaħħaq madwar €83,500 li minnhom mistennija dħul ta' €27,000 mill-Gal Xlokk. Ser jitlesta wkoll xogħol ta' *resurfacing* fi Triq l-Inkurunazzjoni liema spiża ser tlaħħaq is-somma ta' madwar €51,000 kif ukoll xogħol ta' restawr tal-Għajn tal-Bhejjem li l-ispiża mistenni tammonta għal madwar €8,320, li minnhom €5,000 ser jidħlu minn skema tal-Gvern. Mistenni jsir ukoll xogħol ta' rijabilitazzjoni tax-xelter ta' Misraħ is-Sliem li l-ispiża għalih mistennijja tlaħħaq madwar €15,000, kif ukoll xogħol ta' kostruzzjoni ta' *underground bring in site* f'Buleben iż-Żgħir li ser jiswa madwar €22,200 u li minnhom €15,000 ser jingħataw mill-Gal Xlokk. Ser isir ukoll xogħol ta' titjib fi Ġnien il-Kunsill bi spiża ta' madwar €150,000 li minnhom mistenni dħul ta' madwar €94,000 taħt l-iskema *Urban Improvement Fund tal*-MEPA.

Fis-snin 2015 - 2016 l-proġetti ta' natura kapitali mistennija jonqsu u dan peress li matul is-sena ta' qabel il-Kunsill ser ikun wettaq xogħol li l-ispiża tiegħu mistennija tlaħħaq aktar minn €340,000.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

## 5.1 Tbassir Finanzjarju għal Tliet Snin

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2014 € | STIMA 2015 € | STIMA 2016 € | STIMA 2014-2016 € |
|---|---|---|---|---|---|
| 2 | **Id-Dħul** | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | 722,009.00 | 725,000.00 | 727,000.00 | 2,174,009.00 |
| 0020 | Il-'Bye-laws' | 22,700.00 | 29,700.00 | 29,700.00 | 82,100.00 |
| 0090 | L-Investiment | 600.00 | 500.00 | 500.00 | 1,600.00 |
| 0100 | Generali | | 200.00 | 200.00 | 400.00 |
| | **TOTAL** | **745,309.00** | **755,400.00** | **757,400.00** | **2,258,109.00** |
| 1 | **L-Infiq** | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | 157,430.00 | 162,340.00 | 164,440.00 | 475,320.00 |
| 2000 | Manutenzjoni u Xoghlijiet ohra | 531,850.00 | 531,850.00 | 531,850.00 | 1,595,550.00 |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | 341,020.00 | 9,000.00 | 5,000.00 | 355,020.00 |
| | **TOTAL** | **1,030,300.00** | **703,190.00** | **701,290.00** | **2,425,890.00** |
| | **BILANC FAVUR / (KONTRA)** | **(284,991.00)** | **52,210.00** | **56,110.00** | **(167,781.00)** |
| | **X'KELLNA QABEL** | 429,468.00 | 144,477.00 | 196,687.00 | 429,468.00 |
| | **X'GHANDNA ISSA** | 144,477.00 | 196,687.00 | 252,797.00 | 261,687.00 |

## Noti:

Mis-sena 2014 l-Infiq tal-Kunsill mistenni jeċċedi d-Dħul u dan minħabba l-fatt li ser isiru numru ta' proġetti ġodda. Għal din id-differenza fl-infiq ser jagħmlu tajjeb fondi li ġejjin mis-snin ta' qabel, li għalkemm ser ikunu naqsu konsiderevolment għandhom ikunu biżżejjed biex jagħmlu tajjeb għal din id-diskrepanza bejn id-dħul u l-infiq.

### 5.2 Tbassir tad-Dħul għal Tliet Snin

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2014 € | STIMA 2015 € | STIMA 2016 € | STIMA 2014-2016 € |
|---|---|---|---|---|---|
| 2 | **Id-Dhul** | | | | |
| **0000** | **Mill-Gvern** | | | | |
| 0001 | Annwali | 703,879.00 | 705,000.00 | 707,000.00 | 2,115,879.00 |
| 0002 | Supplimentari | | | | |
| 0003 | Bzonnijiet Specjali | | | | |
| 0004 | Delegazzjonijiet Pubblici/Governattivi | | | | |
| 0015 | Hwejjeg ohra | 18,130.00 | 20,000.00 | 20,000.00 | 58,130.00 |
| | | **722,009.00** | **725,000.00** | **727,000.00** | **2,174,009.00** |
| **0020** | **Il-'Bye-laws'** | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | 10,000.00 | 10,500.00 | 10,500.00 | 31,000.00 |
| 0036 | Ksur tal-'bye-laws' | 10,700.00 | 18,000.00 | 18,000.00 | 46,700.00 |
| 0056 | Ghotjiet Sponsorjali | | 200.00 | 200.00 | 400.00 |
| 0066 | Generali | 2,000.00 | 1,000.00 | 1,000.00 | 4,000.00 |
| | | **22,700.00** | **29,700.00** | **29,700.00** | **82,100.00** |
| **0090** | **L-Investiment** | | | | |
| 0091 | Imghax tal-Bank | 600.00 | 500.00 | 500.00 | 1,600.00 |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | | |
| | | **600.00** | **500.00** | **500.00** | **1,600.00** |
| **0100** | **Generali** | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | | | | |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | | 200.00 | 200.00 | 400.00 |
| | | | **200.00** | **200.00** | **400.00** |
| | | 745,309.00 | 755,400.00 | 757,400.00 | 2,258,109.00 |

**Noti:**

Id-dħul fis-sena 2014 mistenni jkun ta' €745,309. F'din is-sena qed jiġi stmat li l-Kunsill ser ikun qed idaħħal madwar €18,130 taħt il-vot Ħwejjeġ Oħra.

Id-dħul fis-sena 2015 mistenni jkun ta' €755,400 li minhomm qed jiġi stmat li l-Kunsill ser ikun qed idaħħal madwar €20,000 taħt il-vot Ħwejjeġ Oħra.

Fis-sena 2016 id-dħul totali qed jiġi stmat li jkun ta' €757,400 li minhomm qed jiġi stmat li l-Kunsill ser ikun qed idaħħal madwar €20,000 taħt il-vot Ħwejjeġ Oħra.

## 5.3 Tbassir ta' l-Infiq għal Tliet Snin

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2014 € | STIMA 2015 € | STIMA 2016 € | STIMA 2014-2016 € |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | **L-Infiq** | | | | |
| **1000** | **Is-Salarji** | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku / Kunsilliera | 25,600.00 | 28,000.00 | 29,000.00 | 82,600.00 |
| 1200 | Pagi ta' l-Impjegati | 105,000.00 | 107,000.00 | 108,000.00 | 320,000.00 |
| 1300 | Bonus | 1,340.00 | 1,540.00 | 1,540.00 | 4,420.00 |
| 1400 | Dhul Supplimentari | 8,890.00 | 9,000.00 | 9,000.00 | 18,000.00 |
| 1500 | Kontribuzzjonijet tas-Sigurtà Soċjali | 9,700.00 | 9,900.00 | 10,000.00 | 29,600.00 |
| 1600 | Koncessjonijiet ('Allowances') | 1,900.00 | 1,900.00 | 1,900.00 | 5,700.00 |
| 1700 | Sahra | 5,000.00 | 5,000.00 | 5,000.00 | 15,000.00 |
| | | **157,430.00** | **162,340.00** | **164,440.00** | **475,320.00** |
| **2000** | Manutenzjoni u Xoghlijiet ohra | | | | |
| 2100 | Konsum tal-bzonn (dawl/ilma/tel. etc.) | 15,000.00 | 15,000.00 | 15,000.00 | 45,000.00 |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | 3,000.00 | 3,000.00 | 3,000.00 | 9,000.00 |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 50,000.00 | 50,000.00 | 50,000.00 | 150,000.00 |
| 2400 | Kera | 2,000.00 | 2,000.00 | 2,000.00 | 6,000.00 |
| 2500 | Shubija f'Ghaqdiet Nazzjonali/Internazzjonali | 400.00 | 400.00 | 400.00 | 1,200.00 |
| 2600 | Spejjez ta' l-Ufficcju | 7,000.00 | 7,000.00 | 7,000.00 | 21,000.00 |
| 2700 | Trasport | 5,000.00 | 5,000.00 | 5,000.00 | 15,000.00 |
| 2800 | Safar u vvjaggar | 3,000.00 | 3,000.00 | 3,000.00 | 9,000.00 |
| 2900 | Taghrif lill-Publiku | 6,000.00 | 6,000.00 | 6,000.00 | 18,000.00 |
| 3000 | Spejjez ta' Kuntratti | 372,100.00 | 372,100.00 | 372,100.00 | 1,116,300.00 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 14,000.00 | 14,000.00 | 14,000.00 | 42,000.00 |
| 3200 | Tahrig | 2,000.00 | 2,000.00 | 2,000.00 | 6,000.00 |
| 3300 | Ospitalità u Servizzi lill-Komunità | 52,100.00 | 52,100.00 | 52,100.00 | 156,300.00 |
| 3400 | Spejjez ohra li jinqalghu | 250.00 | 250.00 | 250.00 | 750.00 |
| 3600 | Spejjez tal-Gwardjani Lokali | | | | |
| | | **531,850.00** | **531,850.00** | **531,850.00** | **1,595,550.00** |
| **7000** | **L-Infiq Kapitali** | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta | | | | |
| 7100 | Bini | | | | |
| 7200 | Titjib | 155,000.00 | 5,000.00 | 5,000.00 | 165,000.00 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | | 4,000.00 | | 4,000.00 |
| 7500 | Progetti Specjali | 186,020.00 | | | 186,020.00 |
| | | **341,020.00** | **9,000.00** | **5,000.00** | **355,020.00** |
| | **TOTAL** | **1,030,300.00** | **703,190.00** | **701,290.00** | **2,425,890.00** |

**Noti:**

Il-proġetti li mistennija jsiru fis-sena 2014 ser ikunu *resurfacing* ta' toroq, titjib fil-*playing field,* rijabilitazzjoni tax-xelter ta' Misraħ is-Sliem, restawr tal-Għajn tal-Bhejjem u kostruzzjoni ta' *underground bring in site* f'Buleben iż-Żgħir. B'hekk minbarra li jtejjeb il-qasam infrastrutturali il-Kunsill ser ikompli jsaħħaħ l-identita kulturali u tradizzjonali ta' Ħaż-Żabbar.

Fis-snin 2016 - 2017 il-Kunsill ser ikun qiegħed inaqqas l-infiq peress illi l-Kunsill ser ikun qed inaqqas n-nefqa tiegħu.

Matul is-snin 2014 – 2017 il-Kunsill ser ikun għadu qed iħallas xogħol ta' *resurfacing* li sar f'numru ta' toroq f'Ħaż-Żabbar fis-snin ta' qabel u li jaqgħu taħt l-iskema tal-*Public Private Partnership Scheme.* Dan il-ħlas dovut mistenni jkun imħallas sas-sena 2021.

*6.0 L-Iżvilupp Kapitali*

## 6.1 It-Tbassir dwar l-Iżvilupp Kapitali għal Tliet Snin

| Nru. tal-Progett | **Infieq Kapitali**<br>Deskrizzjoni tal-Progett | 2014 | | 2015 | | 2016 | | **2014-2016** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | KONT<br>€ | PROGETT<br>€ | KONT<br>€ | PROGETT<br>€ | KONT<br>€ | PROGETT<br>€ | TOTAL<br>TAL-KONT<br>€ |
| **7001** | **Xiri ta' Propjeta** | | | | | | | |
| **7100** | **Bini u Kostruzzjoni** | | | | | | | |
| **7200** | **Titjib** | 155,000.00 | | 5,000.00 | | 5,000.00 | | 165,000.00 |
| | Gnien il-Kunsill | | 150,000.00 | | | | | |
| | Sinjali tat-traffiku u | | 3,000.00 | | 3,000.00 | | 3,000.00 | |
| | Ismijiet ta' Toroq | | | | | | | |
| | Titjib Urban | | | | | | | |
| | Bozoz Godda | | 2,000.00 | | 2,000.00 | | 2,000.00 | |
| | Sigar | | | | | | | |
| **7300** | **Makkinarju u Apparat** | | | 4,000.00 | | | | 4,000.00 |
| | Makkinarju | | | | 4,000.00 | | | |
| **7500** | **Progetti Specjali** | 186,020.00 | | | | | | 186,020.00 |
| | *Bring in Sites* Buleben iż-Żgħir | | 22,200.00 | | | | | |
| | *Life Streaming* tal-Laqgħat | | 6,000.00 | | | | | |
| | Has-Sajjied | | 83,500.00 | | | | | |
| | *Resurfacing* Triq l-Inkurunazzjoni | | 51,000.00 | | | | | |
| | Għajn tal-Bhejjem | | 8,320.00 | | | | | |
| | Xelter Misraħ is-Sliem | | 15,000.00 | | | | | |
| **TOTAL Progetti Godda** | | 341,020.00 | | 9,000.00 | | 5,000.00 | | 355,020.00 |